# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 131/2013**

Il-Pulizija

vs

**Christopher Grima**

iben Joseph, imwieled B'Bugia, fil-11 ta' Mejju, 1976, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 292676(M)

Illum, 2 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotti kontra l-appellant Christopher Grima quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn il-25 ta' Mejju, 2012 u is-26 ta' Gunju, 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt biex jaghti lil Liliana Grima u/ jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il- Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il- kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Marzu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar millum, ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta’ erba’ mitt euro (€400) fi zmien xahar, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Grima tal-15 ta’ Marzu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrrevoka u thassar is- sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u htija skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Da parti taghha l-kwerelanti ipprezentat rendikont ta' hlasijiet ta' manteniment. Tali rendikont jikkonferma bl-aktar mod car illi (i) fil-kolonna intestata 'amount still due',stante hlas ikkorroborat ta' €400 ma kien jirrizulta xejn dovut sal-25 ta' Mejju, 2012, u (ii) fl-istess kolonna, stante hlas iehor ta' €400, ukoll ikkorroborat, ma kien jirrizulta xejn dovut sat-22 ta'Gunju, 2012.

Il-hlasijiet hekk ikkonfermati bir-rendikont ipprezentat mill-istess kwerelanti huma kkorroborati bir-rendikont l-iehor ipprezentat mill-esponent fis-smiegh tal-kawza. Mir-rizultanzi ghalhekk huwa aktar minn car u manifest illi ma jista' ikun hemm l-ebda bazi kwalsiasi ghall-imputazzjoni dedotta kontra l-esponent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja fejn ix-xiehda moghtija mill-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2013 ma gietx traskritta.

Illi quddiem din il-Qorti ma gie prodotto ebda xhud u il-partijiet trattaw l-appell oralment u ghamlu referenza ghad-dokumenti prodotti quddiem l-ewwel Qorti u li qeghdin fl-atti ta' dan l-appell.

Illi l-appellant jikkontendi li hu hallas il-manteniment dovut ghal-perjodu li gie indikat fic-citazzjoni. Dan il-perjodu hu ta' xahar li jmur mill-25 ta' Mejju, 2012 sas-26 ta' Gunju, 2012.

Illi a fol. 8 tal-process hemm cheque image li juri li l-appellant hareg cheque tal-Bank of Valletta ta' erba' mitt euro (€400) favur Mrs. L. Grima fl-24 ta' Mejju, 2012. Fl-istess pagna hemm il-wara ta' dan ic-cheque li juri li l-ammont gie depozitat f'kont tal-bank HSBC.

Illi ghalhekk hu car li l-ammont dovut skont ic-citazzjoni gie mhallas fil-gurnata previssata ghall-pagament.

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha ghaliex ghamlet kalkolu li kien hemm xi pagament b'lura. Dan l-ezercizzju manifestament ma jistax isir u l-Qorti hi marbuta mac-citazzjoni. Jekk kien hemm xi nuqqas da parti tal-appellant, il-parte civile kienet fid-dover li tindika tali nuqqas b'kwerela appozita u mhux tqanqal tali nuqqas f'kawza li l-ghan taghha hi data specifika.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Christopher Grima. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.